D

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 74/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Carmelo Grogan**
**(K.I. 774653M)**

**Illum, 03 t'April, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Carmelo Grogan** ta' 67 sena, imwieled Żabbar fl-1 ta' Novembru 1953, iben Henery u Maria Nee' Mallia residenti fi Blk B, Mais 02, Trejqet ir-Rummien, Għaxaq, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru **773653M** fejn huwa ġie akkużat talli nhar is-17 ta' Jannar 2021 bejn it-03:00 ta' wara nofsinhar u l-05:00 ta' wara nofsinhar minn ġewwa 31, St. Paul, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta:

1. Irrenda ruħu kompliċi flimkien ma' żewġ persuni oħra f'serq minn residenza liema serq huwa kkwalifikat bil-'mezz', u bil-'lok' liema ammont ma jeċċedix is-somma ta' tlieta u għoxrin Ewro u disgħa

u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-dannu ta' Anna Magri, anzjana ta' 89 sena u/jew persuni oħra.

Il-Qorti kienet mitluba li tittratta mal-imputat bħala reċidiv ai termini tal-artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati, b'sentenza ta' reati mill-Qrati Maltin liema, sentenzi saru definittivi.

Rat illi nhar il-5 ta’ Mejju 2022,[1] l-Avukat Ġenerali bagħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex Carmelo Grogan jiġi ġġudikat minnha stess billi jidhirlu li tista’ tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub, kollettivament:-

- Fl-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 261(b)(e), 263, 269(g), 278 (2), 281(a) u 284 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi fit-13 ta’ Mejju 2022, l-istess Carmelo Grogan ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta’ Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat is-Social Inquiry Report[2] imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Formosa;

[1] Ara fol. 104 tal-atti proċesswali.
[2] Ara fol. 117 tal-atti proċesswali.

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-kawża *de quo* tirrelata ma serqa li seħħet mir-residenza nru 31, St. Paul, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta. Dakinhar tar-reat, ċioè fis-17 ta' Jannar 2021, bint il-vittma, ċerta Maria Abela, ġabret lill-ommha kif solitament tagħmel biex teħodha d-dar magħha u torqod hemm. L-għada, ċioè fit-18 ta' Jannar 2021, meta rritornat lura lill-ommha d-dar tagħha, ommha sabet il-bieb ta' barra sgassat u d-dwal tad-dar mixgħulin. X'ħin daħlu sabu taqlib kullimkien u l-*cupboards* miftuħin. Il-vittma kellha €20 fuq il-mejda li nsterqet. Maria Abela għamlet rapport lill-Pulizija dwar dan.

Illi PS 671 Jonathan Vella xehed[3] li hu mar jinvestiga fuq is-sit tar-reat u kkonferma li x'ħin daħal fir-residenza, sab taqlib kbir. Qal li kien hemm camera partikolari fit-triq u minnha ġie eleva CCTV footage. Dan juri żewġ persuni lebsin il-maskri medikali bħalma kienu jintlibsu fiż-żmien tal-pandemija tal-Covid-19. Għal bidu kienu għaddejjin minn fejn il-bieb tar-residenza, xi darbtejn jew tlieta. Meta raw li ma kien hemm ħadd, taw daqqa ta' sieq lill-bieb u daħlu ġewwa. Wara xi ftit minuti, reġgħu ħarġu u bdew mixjin fit-triq. Wara ftit mumenti, tiġi vettura tat-tip Opel Astra, bin-numru ta' reġistrazzjoni DCC-873 tieqaf ħdejhom, trikkibhom u titlaq bihom. Sussegwentement minn stħarriġ li għamel irriżulta li n-numru ta' reġistrazzjoni jappartjeni lil Martin Dimech. Meta kellmu, Dimech informaħ li l-vettura kien biegħha lil Carmelo Grogan. Sussegwentement PS 671 bagħat għal Carmelo Grogan l-għassa tal-Pulizija tal-Qawra u kkonferma bil-ġurament tiegħu li Grogan mar l-għassa bl-istess vettura li tidher fil-filmat tas-CCTV. L-elevar ta' dan il-footage u l-istills relevanti ġew

[3] Ara x-xhieda mogħtija fil-25 ta' Frar 2022, a fol.86 tal-atti proċesswali.

ikkonfermati bil-ġurament minn PS1146 Antoine Fenech[4] bħala Uffiċjal fuq ix-Xena tad-Delitt.

Illi r-rappreżentat tal-Awtorità tat-Trasport Stephen Cachia xehed[5] li din il-vettura hija reġistrata fuq Martin Dimech. Fix-xhieda tiegħu, Martin Dimech[6] qal illi din il-vettura kien biegħha lil Carmelo Grogan. Jirriżulta kemm mix-xhieda tiegħu kif ukoll minn tar-rappreżentant tal-Awtorità tat-Trasport illi t-transfer tal-vettura qatt ma sar għal fuq Grogan. Mill-istqarrija tal-akkużat[7] jirriżulta, madanakollu, li Carmelo Grogan kien xtara din il-vettura mingħand Martin Dimech madwar erba' ġimgħat qabel ma seħħ ir-reat u li tul dan il-perjodu, Grogan biss kien isuqha.

Illi l-akkużat eżerċita d-dritt tiegħu li ma jixhidx. Illi mill-verżjoni mogħtija lill-pulizjia hekk kif tirriżulta mill-istqarrija datata l-1 ta' Frar 2021, jidher li Grogan kien waqaf jixtri minn Pastizzerija fi Triq il-Kostituzzjoni kantuniera ma Triq il-Fortizza, il-Mosta. Hu pparkja fi Triq il-Fortizza. Jgħid li waqt li kien fil-pastizzerija ġew żewġ persuni fuqu u talbuħ iwassalhom xi mkien u hu għamillhom pjaċir. Jgħid li dawn il-persuni ma kienx jafhom.

Ikkonsidrat;

Illi mis-CCTV footage jirriżulta illi dakinhar li seħħ dan ir-reat, żewġ persuni b'wiċċhom u rashom mogħtija qed waqfu quddiem id-dar fejn serqu u wara ftit mumenti wieħed minnhom ta' daqqa ta' sieq lill-bieb tar-residenza. Jidhru dieħlin fir-residenza u wara ftit mumenti jidhru joħorġu mid-dar u jaqsmu t-triq. Hekk kif qasmu t-triq tidher vettura tat-tip Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni ssuq fit-triq u tieqaf ħdejhom. Huma jidhru dieħlin fil-vettura u din issuq 'l hemm bihom. Dettall minuri iżda fil-fehma tal-Qorti importantissimu hu li fit-tarf tal-kantuniera tax-xellug tal-footage tidher vettura ħierġa minn parkeġġ fil-kantuniera u din il-vettura hija l-istess Opel Astra li ġabret lil dawn iż-żewġ malviventi. Jidher ċar li l-karozza nstaqet il-

[4] Ara x-xhieda mogħtija fl-4 ta' April 2022, a fol.101 tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda mogħtija fis-26 ta' Marzu 2021, a fol.39 tal-atti proċesswali.
[6] Ara x-xhieda mogħtija fl-14 ta' Jannar 2022, a fol.77 tal-atti proċesswali.
[7] Ara Dok JR4, a fol. 14 tal-atti proċesswali.

mument li ż-żewġ malviventi qasmu t-triq u jidher biċ-ċar li wafqet għalihom mingħajr ma dawn għamlulha xi sinjal.

Ikkonsidrat;

Illi r-reat addebitat kontra l-akkużat huwa dak ta' kompliċità f'serqa ai termini tal-Artikolu 42 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi wieħed mill-elementi essenzjali għall-eżistenza ta' dan ir-reat huwa il-ħsieb maqbul bejn il-malviventi, bl-Ingliż imsejjaħ il-"*common design*". Dan ifisser li l-awtur u l-kompliċi jkunu qablu u ftehmu biex iwettqu r-reat partikolari. Filfatt, ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs George Pace**[8] illi:

> *"Il-komplicita' tippresupponi ineluttabilment l-akkordju ta' aktar minn forza wahda (morali jew fizici) li jikkonvergu biex jipperpetraw "l-istess delitt""*

Illi kifġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Agius**:[9]

> *"Illi l-figura tal-komplici tirrizulta kull meta jkun hemm wiehed mill-azzjonijiet indikati fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Madanakollu dawn necessarjament iridu jkunu marbuta mal-kummissjoni ta' xi reat. Dan ghaliex irid necessarjament jirrizulta l-partecipazzjoni fil-intenzjoni kriminuza sabiex jiriaffigura 'l hekk imsejjah "common design" mehtieg bejn l-awtur/ko-awturi u l-komplici tieghu/taghhom. Mankanti dan il-pjan pre-ordinat bejn dawn in-nies kompartecipi fil-kummissjoni ta' delitt, kwindi tonqos ukoll ir-reita'. Kif ighallimna l-Professur Anthony Mamo [Lectures in Criminal Law pp 124 u 125]:*
>
> > *"A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the*

[8] **Il-Pulizija vs George Pace**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11 ta' Ottubru 1952.
[9] **Il-Pulizija vs Anthony Agius**, Qorti tal-Appell Kriminali, 27 ta' Frar 2019, (Appell Nru. 448/2017):

*commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence*"(emfasi ta' din il-Qorti)

Illi fis-sentenza il-**Pulizija vs Reuben Galea**[10] ġie ritenut:

*"Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra ghalhekk irid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx neċessarjament [emfasi tal-Qorti] li hu kien jaf x'kellu f'mohhu."*

Illi b'hekk, mhux talli persuna trid tgħin lill-awtur fit-twettiq tar-reat, iżda jrid ikun hemm ukoll il-ħsieb maqbul, ċioè "common design" bejniethom. Dan l-element, sfortunatament, mhux dejjem faċli li jiġi provat bi provi inkonfutibbli peress li l-ftehim jibqa' mistur f'moħħ il-malviventi sal-mument li tibda l-esekuzzjoni tar-reat, partikularment jekk il-ftehim ikun ġie milħuq f'ħin u post differenti minn fejn twettaq ir-reat. Illi f'dan ir-rigward, il-kompjant Professur Mamo[11] jgħid:

*"It might seem (Kenny goes on to say, p. 40) that rule thus rendering the existence of a complex mental element necessary to create this legal liability would, usually, cause the prosecutor much difficulty in obtaining evidence of it. For, to borrow the saying of a medieval judge, which Sir Frederick Pollock has made familiar to modern*

[10] **Il-Pulizija vs Reuben Galea**, Qorti tal-Appell Kriminali, 1 ta' Marzu 2022, (Appell Nru 757/2019).

[11] "Lectures in Criminal Law", Sir Anthony Mamo, Laws 1 Year, Old University. pg. 60

*readers, "the thought of man is not triable, for the Devil himself knoweth not the thought of man." But this difficulty seldom arises in practice: for in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of criminal intent. [...]*

*In England, the settled principle in this matter is that "Every sane adult is presumed to intend the natural or necessary consequences of his wilful conduct." The law treats as intentional all consequences which the actor foresees as the probable results of his wrongful act. The known consequences of an illegal act are imputed by the law as intentional. No man who knows that certain results will flow from his illegal act will be suffered to say that he did not intend them."*

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta mingħajr dubju li fis-17 ta' Jannar 2021 saret serqa mill-fond 31, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta. Mill-filmat tas-CCTV nurmu "record-0000-0001-CH02-20210118165000-20210118170000.asf" jirriżulta illi vettura tat-tip Opel Astra ipparkjat man-naħa tat-triq ta' fejn saret is-serqa.[12] Minn din il-vettura jidhru ħerġin żewġt irġiel[13] u mxew lejn il-fond fejn seħħet is-serqa. X'ħin joħorġu minn din id-dar[14] huma jaqsmu għan-naħa l-oħra tat-triq u l-vettura tidher ħierġa mill-parkeġġ[15], issuq fl-istess triq, tieqaf tiġborhom[16] u tibqa' serja bihom.

Fil-fehma tal-Qorti, dan il-*modus operandi* tagħhom juri b'mod ċar li kien hemm "common design" bejn ix-xufier u l-ħallelin. Ix-xufier mhux sempliċiment għenhom jaħarbu minn fuq il-post, iżda wassalhom fuq il-post u qagħad jistennihom. Il-vettura kienet ipparkeġġjata fl-istess naħa tat-triq ta' fejn seħħet is-serqa u b'hekk ix-xufier seta' jarhom. Di più, bilfors

---

[12] Ara l-kantuniera ta' fuq tan-naħa tax-xellug (fuq id-data) fil-filmat, fil-ħin 02:04 tal-*media player*.
[13] Ara l-istess vettura fil-ħin 02:50 tal-*media player.*
[14] Ara fil-ħin 06:11 tal-*media player*.
[15] Ara l-kantuniera ta' fuq tan-naħa tax-xellug (fuq id-data) fil-filmat, fil-ħin 06:20 tal-*media player*.
[16] Ara fil-ħin 06:42 tal-*media player*.

li x-xufier kien attent għal dak li qed jagħmlu għaliex hekk kif qasmu t-triq, huwa beda jsuq biex jiġborhom u dan mingħajr ma għamlu ebda sinjal lil xulxin. Illi mill-posizzjoni tiegħu, ix-xufier seta faċilment jara lil wieħed mill-ħallelin jagħti d-daqqiet ta' sieq lil-bieb biex jifqgħu[17] u jidħlu fir-residenza. Illi din il-Qorti m'għandiex dubju li x-xufier tal-vettura kien jaf x'se jsir u x'għandu jistenna u dan kif jirriżulta mill-fatt li l-operazzjoni sħiħa inħadmet bizzilla b'mod awtomatiku.

Illi dwar ix-xufier, il-Qorti semgħat illi l-vettura inbiegħet minn Martin Dimech lill-akkużat u l-akkużat stess qal li hu biss isuqha l-vettura. B'hekk, fuq l-iskorta ta' dawn il-prov, jirriżulta ċar li x-xufier tal-vettura kien l-akkużat Carmelo Grogan;

Ikkonsidrat;

Illi l-Artikolu 42(d) tal-Kap. 9 jistipola li:

> *"**42.** Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -*
>
> *...omissis...*
>
> *(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*"

Illi fil-fehma l-Qorti, l-akkużat m'huwiex persuna li jaqa' fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) u huwa xjentement għen lill-awturi fid-delitt tagħhom,kif hawn fuq spjegat u b'hekk għandha tinstab ħtija fir-rigward ta' dan il-paragrafu.

Ikkonsidrat;

[17] Ara l-ħin ta' 03:47 u 04:01 tal-*media player.*

Illi fir-rigward tal-piena, l-Artikolu 43 tal-Kap. 9 jistipola li "*Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur*" . B'hekk il-Qorti trid tħares lejn ir-reat mwettaq mil-malviventi, ċioè dak ta' serq ikkwalifikat bil-"Mezz" u bil-"Lok" iżda li ma jeċċedix is-somma ta' €23.29.

Min-naħa l-oħra, mis-Social Enquiry Report jirriżulta illi l-akkużat għandu diversi kondizzjonijiet mediċi u hija bintu li tieħu ħsiebu. Kellu diversi problemi fil-passat u l-fedina penali tiegħu tindika passat pjuttost avventuruż fejn ġie anke misjub ħati ta' serq. Il-prosekuzzjoni, madanakollu, minkejja li tatu wkoll l-addebitu tar-reċidiva, ma ressqitx il-prova tagħha u b'hekk din il-Qorti hi prekluża milli tieħu dan l-addebitu in konsiderazzjoni.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 42, 43, 44, 45, 46, 261(b)(e), 263, 269(g), 278(2), 281(a), 284, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Carmelo Grogan <u>ħati</u>** tal-akkużi dedotti kontra tiegħu qed tikkundannaħ għal piena ta' tnax(12)-il xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-akkużat, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**